

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Il-Każ M.9963 — Iliad S.A./Play Communications S.A.)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2020/C 319/05)

1. Fil-21 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżzi li ġejjin:

- Iliad S.A. (“Iliad”, Franza), finalment ikkontrollata miċ-ċittadin Franċiż, Xavier Niel,
- Play Communications S.A. (“Play Communications”, il-Lussemburgu).

Iliad takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta’ Play Communications kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta’ offerta pubblika mħabbra fil-21 ta’ Settembru 2020.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżzi kkonċernati huma:

- Iliad: fornitur ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni fissa u mobbli, servizzi interni fassi u servizzi tat-TV fi Franza u ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni mobbli fl-Italja. Kumpaniji oħra kkontrollati minn Xavier Niel huma attivi b'mod partikolari fissa setturi li ġejjin: telekomunikazzjonijiet, media, tehnologiji, negozji ġodda u proprjetà immobibli. Fis-setturi tat-telekomunikazzjoni, il-grupp Xavier Niel huwa prinċipalment attiv fl-Irlanda, Malta u Ċipru,
- Play Communications: kumpanija azzjonarja ta’ P4, li għandha l-kwartieri ġenerali tagħha fil-Polonja u li prinċipalment tipprovd servizzi bl-imnun tat-telefonija mobbli u fissa u servizzi ta’ aċċess fiss għall-internet fil-Polonja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista’ taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista’ jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġeja dejjem tiġi spesifikata:

M.9963 — Iliad S.A./Play Communications S.A.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta’ kuntatt ta’ hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).